

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9127/21

SOC 348
EMPL 257
MI 390
ANTIDISCRIM 66
CFSP/PESC 518
EDUC 214
FREMP 145
GENDER 66
JAI 626
SAN 323
SPORT 40
DIGIT 63
TRANS 327
INST 201

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 - <i>Thejġġa għall-approvazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż sett ta' abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imħejji mill-Presidenza. L-abbozz ta' konklużjonijiet ġie diskuss matul tliet vidjokonferenzi informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali u kien soġġett għal konsultazzjoni informali bil-miktub tad-delegazzjonijiet (ST 8823/21). It-test ippreżentat fl-Anness jirrifletti t-test maqbul mid-delegazzjonijiet f'konsultazzjonijiet informali bil-miktub. L-unika differenza tikkonċerna n-numri tal-paragrafi, li ġew irranġati f'ordni sekwenzjali.

Il-Kumitat huwa mistieden jibgħat l-abbozz ta' konklużjonijiet meħmuż għal-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) fl-14 ta' Ġunju 2021 għall-approvazzjoni.

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija
dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030**

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI

1. L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż fuq il-bażi ta' diżabilità kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
2. Il-Kummissjoni Ewropea wiegħdet li toħloq Unjoni ta' Ugwaljanza li għaliha l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 tipprovdi kontribut importanti, li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità kif ukoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
3. Madwar 87 miljun persuna fl-Unjoni Ewropea għandhom xi forma ta' diżabilità u għalhekk jiffaċċjaw ostakli għall-parteċipazzjoni ekonomika u soċjali tagħhom¹. L-indeboliment għandhom it-tendenza li jiżdiedu mal-età: madwar nofs il-popolazzjoni ta' 65 sena u aktar jirrapportaw li għandhom diżabilità. L-evidenza titlob azzjoni intensifikata biex jiġi promoss it-trattament ugwali, peress li aktar minn nofs il-persuni kollha b' diżabilità (52 %) iħossuhom diskriminati fil-ħajja tagħhom ta' kuljum². Il-persuni b' diżabilità jesperjenzaw lakuni sinifikanti f' oqsmha ewlenin; pereżempju, rata ta' impjeg li hija 24.2 p.p. inqas minn dik ta' persuni mingħajr diżabilità u riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali 10 p.p. oġhla minn dik ta' persuni mingħajr diżabilità.

¹ UE-SILC (Statistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien) u UE-LFS (Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol). 24.7 % tal-popolazzjoni tal-UE > 16-il sena għandhom diżabilità, li minnhom 17.7 % għandhom diżabilità moderata, u 7 % għandhom limitazzjonijiet severi; S. Grammenos/M. Priestley, 2020: Europe 2020 data & people with disabilities (Data ta' Ewropa 2020 u persuni b'diżabilità). Fl-UE-SILC, id-diżabilità hija ddeterminata abbażi tal-valutazzjoni proprja ta' dawk li jwieġbu. Hija kklassifikata skont l-indikatur tal-limitazzjoni tal-attività globali GALI li jiddefinixxi d-diżabilità bħala "limitazzjoni fl-attivitajiet li n-nies normalment jagħmlu minħabba problemi ta' saħħa għal mill-inqas l-aħħar sitt xhur".

² Ewrobarometru Speċjali 493, Id-diskriminazzjoni fl-UE, Mejju 2019.

4. Fost il-persuni b'diżabilità hemm persuni li jkollhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettuali jew sensorju fit-tul li, meta jinteraġixxi ma' diversi ostakli, jista' jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess livell ma' ħaddieħor. Grupp daqstant imħallat jeħtieġ linji ta' politika, prodotti u servizzi li huma aċċessibbli u mfassla għal ħtiġijiet individwali speċifiċi sabiex kull persuna tkun tista' tgawdi bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tagħha. Barra minn hekk, l-intersezzjoni tad-diżabilità ma' karatteristiċi personali oħra jew kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ħżiena li jiffaċċjaw persuni b'diżabilità tista' tesponihom għal forom multipli jew aggravati ta' diskriminazzjoni jew żvantaġġi multipli. Pereżempju, in-nisa b'diżabilità għandhom probabbiltà ogħla li jisfaw vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru jew għandhom inqas opportunitajiet f'termini ta' aċċess għall-impjieg³.
5. Il-linji ta' politika li jiffukaw fuq il-potenzjal tal-persuni b'diżabilità, fuq il-ġlieda kontra l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni, u fuq it-tnaqqis tal-ostakli huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom b'mod sħiħ u jibbenefikaw mill-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Wieħed mill-modi biex jiġu miġġielda l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni huwa s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.
6. Saru sforzi konsiderevoli fil-livell Ewropew biex tiġi implimentata l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 tal-Kummissjoni Ewropea, il-qafas ta' politika fil-livell tal-UE mfassal biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD) fl-Unjoni. Bl-istess mod, l-Istati Membri għamlu sforzi fil-livell nazzjonali f'dan il-qasam, inkluż bil-ħsieb li jimplimentaw l-UNCPRD fl-oqsma li għalihom għandhom kompetenza.

³ [Gender statistics - Statistics Explained \(europa.eu\)](http://europa.eu) u [Statistics | Eurostat \(europa.eu\)](http://europa.eu).

7. L-Istrateġija 2010-2020 ħadmet biex twitti t-triq għal Ewropa mingħajr ostakli, mexxiet 'il quddiem l-integrazzjoni tad-diżabilità fil-linji ta' politika nazzjonali u Ewropej, u tat kontribut għall-iżvilupp ta' linji ta' politika inklużivi dwar id-diżabilità. Permezz ta' linji ta' politika għall-kooperazzjoni internazzjonali, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu wkoll fuq quddiem globalment fil-promozzjoni tal-inklużjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b' diżabilità.
8. L-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità (EAA)⁴, adottat fl-2019, jipromwovi l-parteċipazzjoni ugwali sħiħa u effettiva tal-persuni b' diżabilità billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għal prodotti u servizzi konvenzjonali li huma meħtieġa, skont dan l-att, li jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti ta' aċċessibilità.
9. F'konformità mal-valuri minquxa fit-Trattati tal-UE, l-Istrateġija l-ġdida għad-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità 2021-2030 tal-Kummissjoni tippreżenta qafas komprensiv u ambizzjuż imfassal biex itejjeb il-ħajja tal-persuni b' diżabilità fl-UE u lil hinn minnha u biex imexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-UNCPRD.
10. L-Istrateġija l-ġdida tikkomplementa inizjattivi oħra li għandhom l-għan li jġiġieldu d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, li jibnu Unjoni ta' Ugwaljanza għal kulħadd inkluż il-persuni b' diżabilità f'konformità mal-prinċipji tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli.
11. Il-prinċipji minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni adottat mill-Kummissjoni biex timplimentah, għandhom l-għan li jtejbu l-ħajja tal-persuni b' diżabilità billi jressqu miżuri li jiżguraw Ewropa b' saħħitha, soċjali u rkupru ġust u inklużiv mill-kriżi tal-COVID-19.

⁴ Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi, ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70–115

12. Id-dimensjoni tad-diżabilità għandha tkompli tiġi integrata fil-linji ta' politika Ewropej għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għal Ewropa soċjali u b'saħħitha. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Diġitali Ewropea, il-prijorità li l-Ewropa tkun lesta għall-era diġitali, l-Aġenda għall-Filiet għall-Ewropa, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, il-Garanzija Imsaħħa għaż-Żgħażaġħ, il-Garanzija Ewropea għat-Tfal, l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti huma kollha inklużivi fir-rigward tad-diżabilità. Il-Kunsill reċentement issuġġerixxa wkoll li l-Istati Membri jesploraw modi innovattivi biex jiżguraw li l-gruppi kollha, inkluż il-persuni b'diżabilità, ikunu jistgħu jaċċessaw u jibbenefikaw mill-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali⁵.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW LI:

13. Il-persuni b'diżabilità għandhom probabbiltà ogħla li jkunu soġġetti għal diskriminazzjoni u żvantaġġ soċjoekonomiku minn persuni mingħajr diżabilità f'firxa ta' oqsma differenti. Sikwit jesperjenzaw ostakli fl-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, u s-suq tax-xogħol, fil-parteċipazzjoni fi proċessi demokratiċi, u fl-użu ta' prodotti u servizzi, u jgħixu fil-faqar u l-iżolament aktar ta' spiss minn persuni mingħajr diżabilità. Barra minn hekk, meta jiġu ffaċċjati b'opportunitajiet u appoġġ limitati, għandhom it-tendenza li jilhqqu livell edukattiv u rati ta' impjieg aktar baxxi u li jħallu l-forza tax-xogħol qabel. Hemm ir-riskju li l-pandemija tal-COVID-19 aggravat dawn il-problemi.
14. L-aċċessibbiltà, ikkomplementata mid-disponibbiltà u l-kwalità tal-bini, it-trasport, il-prodotti u s-servizzi, inkluż is-servizzi diġitali, u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, hija faċilitatur tad-drittijiet u prerekwiżit għall-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali fil-ħajja tal-komunità u għall-ġhajxien indipendenti tal-persuni kollha b'diżabilità. Flimkien mar-rekwiżiti tal-UNCRPD, id-dritt tal-Unjoni stabbilixxa standards minimi li għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u koerenti.

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea (6795/21)

15. It-tgawdija sħiħa tad-drittijiet għall-moviment liberu u għall-parteċipazzjoni ugwali fil-proċessi demokratiċi minn persuni b'diżabilità teħtiegħ linji ta' politika għat-titjib tar-rikonoxximent tad-diżabilità tagħhom, għall-iżgurar tal-aċċessibbiltà fl-UE u għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ugwali tagħhom fl-elezzjonijiet, kemm bħala votanti kif ukoll bħala kandidati, inkluż fl-elezzjonijiet lokali, reġjonali u nazzjonali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Dan jirrikjedi wkoll l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet ċivili u politiċi, bħad-dritt tal-vot.
16. Il-linji ta' politika li jippromwovu għajxien indipendenti u inklużjoni u parteċipazzjoni sħaħ fil-komunità huma importanti biex tiġi żgurata kwalità ta' ħajja deċenti għall-persuni b'diżabilità. Il-ħtiegħa għal dawn il-linji ta' politika qed issir aktar urġenti, speċjalment f'soċjetajiet li qed jixjieħu. L-istrateġiji għal għajxien indipendenti għandhom jinkludu akkomodazzjoni adegwata u servizzi ta' kwalità fil-komunità bbażati fuq ħtiġijiet individwali, inkluż għal persuni b'diżabilità intellettuali u/jew psikosoċjali, sabiex dawn ikunu jistgħu jagħżlu arranġamenti ta' għajxien xierqa, b'kont meħud tal-ħajja oġħla li ħafna persuni b'diżabilità jiffaċċjaw. Linji gwida komuni dwar il-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni għandhom isiru disponibbli u aġġornati kif xieraq.
17. Sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom, huwa essenzjali li jitrawwem l-aċċess għal impjiegi sostenibbli u ta' kwalità, u sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati, jiġu żviluppati l-ħiliet u jiġu żgurati akkomodazzjonijiet raġonevoli. Filwaqt li appella għal swieq tax-xoġhol inklużivi, il-Kunsill⁶ irrakkomanda li l-persuni b'diżabilità jenħtiegħ li jirċievu appoġġ imfassal apposta għal tranżizzjonijiet lejn is-suq tax-xoġhol ġenerali, għal riintegrazzjoni fis-suq tax-xoġhol u għal tgawdija ugwali tad-drittijiet tal-ħaddiema, inkluż f'impjieg protett.

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar It-titjib tal-impjieg ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xoġhol; (14646/19)

18. It-tranżizzjoni diġitali toffri opportunitajiet ġodda f'termini ta' komunikazzjoni, awtodeterminazzjoni, kura personali, parteċipazzjoni ugwali u teknoloġiji ta' assistenza għall-persuni b'diżabilità. Jeħtieġ li t-teknoloġiji l-ġodda jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità kollha u preferibbilment jiġu żviluppati f'konformità mal-prinċipju tad-Disinn Universali u mal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (EAA), u l-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ jenħtieġ li jkunu mġhammra b'ħiliet adegwati li jippermettulhom jaqdu lill-persuni b'diżabilità fil-ħtiġijiet tagħhom. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet l-importanza tal-aċċessibbiltà tal-ġhodod tal-ICT meħtieġa għat-telekonferenzi, l-arranġamenti tat-telexoġhol, it-tagħlim mill-bogħod, ix-xiri online, u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-informazzjoni kif ukoll in-nuqqas ta' professjonisti tal-ICT b'taħriġ fl-implimentazzjoni tal-aċċessibbiltà. L-aċċessibilità, il-faċilità tal-użu, l-affidabbiltà u l-ħiliet diġitali għandhom jitqiesu fl-ippjanar u l-produzzjoni ta' servizzi diġitali, bil-għan li jiġi evitat jew mitigat distakk diġitali li jħalli lill-persuni b'diżabilità jibqgħu lura.
19. Kulħadd għandu dritt inerenti għall-ħajja u jridu jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu dan id-dritt fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor matul kriżijiet bħall-pandemija tal-COVID-19. Il-persuni b'diżabilità għandhom l-istess dritt daqs ħaddieħor li jirċievu servizzi mingħajr diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità. Dan id-dritt ugwali japplika wkoll għall-kura soċjali u tas-saħħa meħtieġa.

20. L-iżgurar tal-aċċess ugwali u tan-nondiskriminazzjoni jeħtieġ azzjoni f'oqsma ta' politika differenti u f'oqsma differenti, inkluż, fost oħrajn, permezz tal-leġiżlazzjoni. Ir-riċerka, it-taħriġ tal-professjonisti u l-linji ta' politika li jagħtu effett lill-UNCRRPD huma essenzjali biex tiġi żgurata l-aċċessibilità u titjeb il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità u huma oqsma ewlenin fl-aċċess għall-ġustizzja. Il-pandemija tal-COVID-19 iffokat l-attenzjoni mill-ġdid fuq l-isforzi li għad hemm bżonn biex jiġi salvagwardat l-aċċess għall-portafoll kollu tal-kura tas-saħħa⁷ għall-persuni b'diżabilità, biex l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja jsiru inklużivi u aċċessibbli għal kulħadd minn età bikrija u biex il-persuni b'diżabilità jingħataw l-opportunità li jinvolvu ruħhom f'impjieġ bi ħlas. Il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ħajja kulturali, ir-rikreazzjoni, id-divertiment u l-isport hija essenzjali. L-isport u l-kultura għandhom ukoll valur rikonoxxut bħala mezz ta' appoġġ għall-inklużjoni soċjali⁸ billi jikkontribwixxu għat-tneħħija tal-istigmatizzazzjoni u jiġġieldu l-isterjotipi.
21. Il-linji ta' politika nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-UNCRRPD għandhom ukoll dimensjoni internazzjonali. L-għan għandu jkun li d-diżabilità titqies b'mod sistematiku u sostenibbli fil-politiki ta' azzjoni esterna, inkluż il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja internazzjonali biex tiżded l-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità.
22. L-Istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità 2021-2030 tal-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi appoġġata minn strateġiji jew inizjattivi nazzjonali ambizzjużi, u minn objettivi u miri fejn rilevanti, b'kont meħud tal-kompetenzi nazzjonali u l-linji ta' politika diġà eżistenti, sabiex isir progress fil-ħolqien ta' Unjoni Ewropea inklużiva fir-rigward tad-diżabilità li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'diżabilità f'konformità mal-UNCRRPD.
23. Għad hemm lakuni sinifikanti u diskrepanzi metodoloġiċi fil-ġbir ta' data statistika dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità fost l-Istati Membri. Dawn għandhom jiġu indirizzati sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta tkun rilevanti u preċiża f'termini ta' kwalità, frekwenza u komparabbiltà.

⁷ Summit Ewropew dwar l-Inklużjoni 2020. Dikjarazzjoni.

⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità. (ĠU C 192, 7.6.2019, p. 18-22)

24. F'konformità mal-impenji meħuda mill-partijiet għall-UNCRRPD, id-dikjarazzjoni li saret fis-Summit Ewropew dwar l-Inklużjoni 2020 tindika d-determinazzjoni tal-firmatarji tagħha biex jibnu Ewropa fejn il-persuni b' diżabilità jistgħu jipparteċipaw fl-oqsma kollha tas-soċjetà. Jenħtieġ li jsir skambju ta' fehmiet fuq bażi regolari bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-persuni b' diżabilità, inkluż it-tfal b' diżabilità, permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom sabiex jiġi żgurat it-twettiq effiċjenti ta' dan l-oġġettiv, b' mod partikolari meta jkun appoġġat minn punti ta' kuntatt għal kwistjonijiet b'rabta mad-diżabilità li għandhom jiġu stabbiliti fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji u d-delegazzjonijiet kollha tal-UE.
25. Il-Vidjokonferenza ta' Livell Għoli dwar l-Istrateġija Ewropea għad-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità 2021-2030, li saret f' April 2021 f' Lisbona, bil-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-persuni b' diżabilità, enfasizzat il-momentum li ġabu magħhom il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Istrateġija l-ġdida. Iffokata fuq it-temi tal-aċċessibilità, l-għajxien indipendenti, id-deistituzzjonalizzazzjoni u s-servizzi soċjali bbażati fil-komunità u ċċentrati fuq il-persuna, l-impjiegi u l-edukazzjoni inklużiva. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u parteċipanti oħra enfasizzaw l-importanza tal-kontinwità wara l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 u l-impenn lejn l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b' Diżabilità 2021-2030, f'konformità mal-UNCRRPD.
26. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq il-ħidma preċedenti u impenji politiċi espressi mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż fid-dokumenti elenkati fl-Anness.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL

27. JILQGĦU U JAPPROVAW l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b' Diżabilità 2021-2030 tal-Kummissjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni futura tal-Kunsill u tal-Istati Membri dwar inizjattivi konkreti li jimplementaw l-Istrateġija.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, SKONT IL-KOMPETENZI NAZZJONALI, B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKUSTANZI NAZZJONALI, U B'RISPETT GĦAR-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, BIEX:

28. Jimplimentaw il-liġi relatata tal-UE⁹ u jikkunsidraw il-linji ta' politika fl-oqsma kollha koperti mill-Istrateġija biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tagħha.
29. Ikomplu jiżviluppaw u jaġġornaw l-istrateġiji u l-linji ta' politika nazzjonali biex jimplimentaw il-UNCRPD, skont, kif xieraq, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 tal-Kummissjoni Ewropea fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, b'kont meħud tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-sitwazzjonijiet u l-ġhajxien tal-persuni b'diżabilità, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u l-bniet b'diżabilità.
30. Jikkunsidraw l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u jqisu b'mod xieraq id-diskrepanzi eżistenti bejn in-nisa u l-irġiel, meta jistabbilixxu miri nazzjonali volontarji mfassla biex jinkisbu l-miri ewlenin proposti stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Aġenda għall-Filiet għall-Ewropa kif ukoll fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.
31. Jagħmlu progress fir-ratifika tal-Protokoll Fakultattiv tal-UNCRPD sa fejn huwa kkonċernat u jeżaminaw mill-ġdid l-adeżjoni tal-UE għall-Protokoll Fakultattiv, filwaqt li titqies l-evalwazzjoni estensiva tal-funzjonament tal-kumitati tat-trattat li bħalissa qed titwettaq min-NU.
32. Jiżguraw it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni effettivi u koerenti tad-dritt tal-UE fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-prodotti, is-servizzi, il-media, it-trasport u l-bini, u jsaħħu l-kooperazzjoni permezz taċ-ċentru tar-riżorsi AccessibleEU li għandu jitnieda fl-2022, sabiex jipprovdi informazzjoni u prattika tajba dwar l-aċċessibbiltà fis-setturi kollha.

⁹ Leġiżlazzjoni promulgata li tissemma fl-Istrateġija u f'liġijiet oħra tal-UE rilevanti għall-Istrateġija u għall-UNCRPD.

33. Jippromwovu l-iżvilupp ta' servizzi soċjali bbażati fil-komunità u ċċentrati fuq il-persuna u għajxien indipendenti, b'kont meħud tat-tranżizzjoni minn għajxien istituzzjonali għal wieħed ibbażat fil-komunità. Jagħmlu użu sħiħ mill-finanzjament tal-UE disponibbli biex isaħħu l-kwalità tas-servizzi li jipprovdu appoġġ fil-komunità u jiżguraw l-aċċessibbiltà, inkluż permezz ta' taħriġ għall-persunal tas-servizzi ta' appoġġ.
34. Jippromwovu l-parteciġazzjoni fil-ħajja politika u pubblika inkluż l-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali minn persuni b'diżabilità.
35. Ikomplu jipromwovu l-koordinazzjoni tal-Punt Fokali Nazzjonali tal-UNCPRD ma' ministeri oħra inkluż billi jistabilixxu punti ta' kuntatt għal kwistjonijiet marbutin mad-diżabilità fil-ministeri u l-korpi pubbliċi u jikkooperaw mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Istrateġija.
36. Meta jimplimentaw il-UNCPRD u jiżviluppaw linji ta' politika f'konformità mal-Istrateġija, issaħħu l-konsultazzjoni mal-persuni b'diżabilità u l-involviment attiv tagħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-linji ta' politika, inkluż permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom kif iddikjarat fil-UNCPRD. Il-parteciġazzjoni ta' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet tagħhom, kif ukoll il-parteciġazzjoni ta' muniċipalitajiet, negozji u industriji, għandhom jiġu mħeġġa tul il-proċessi u fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
37. Jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament u l-programmi finanzjarji xierqa tal-UE inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, b'mod partikolari l-FSE+ u Orizzont Ewropa biex imexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-UNCPRD u tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 tal-Kummissjoni, inkluż fl-oqsma tal-aċċessibbiltà, is-servizzi soċjali bbażati fil-komunità, l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni soċjoekonomika tal-persuni b'diżabilità.

**JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA,
F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, U B'KONT MEĦUD
TAĊ-ĊIRKUSTANZI NAZZJONALI TAL-ISTATI MEMBRI , U B'RISPETT GħAR-
RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI U L-PRINĊIPJU TAS-
SUSSIDJARJETÀ, BIEX**

38. Jaħdmu flimkien għall-implimentazzjoni sħiħa tal-UNCRRPD u jieħdu inizjattivi biex jadattaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE kif xieraq fejn meħtieġ u jaġġornaw id-dikjarazzjoni tal-UE kif rakkomandat mill-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.
39. Jippromwovu kooperazzjoni strutturata bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilità, filwaqt li jfittxu wkoll parteċipazzjoni aktar bilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż bl-involvement tal-punti fokali nazzjonali tan-NU fil-Pjattaforma l-ġdida tad-Diżabilità, u billi jikkooperaw mar-rappreżentanti mil-livell reġjonali u lokali.
40. Tiġi żgurata l-integrazzjoni sistematika tad-diżabilità f'konformità mal-UNCRRPD, inkluż permezz tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-atti leġiżlattivi rilevanti tal-UE, il-programmi tal-UE u l-finanzjament tal-UE, kif ukoll il-leġiżlazzjoni u l-linji ta' politika nazzjonali fejn xieraq.
41. Jikkoordinaw sabiex jidentifikaw l-oqsma u l-possibiltajiet għal azzjoni ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u biex jiġu miġġielda l-istigmatizzazzjoni, id-diskriminazzjoni, il-vjolenza u l-iżvantaġġi multipli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabilità, b'attenzjoni speċifika għall-gruppi aktar vulnerabbli, u lill-perspettiva tal-ġeneru u d-dimensjoni intersezzjonali.
42. Isaħħu l-kooperazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fil-kuntest tal-programmi finanzjarji u l-finanzjament tal-UE, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja u t-tkabbir, inkluż bil-ħsieb li jsir sforz biex jiġi żgurat li l-proċeduri ta' applikazzjoni jkunu aċċessibbli. Isaħħu l-preżenza tal-UE f'fora multilaterali inkluż dawk relatati mal-UNCRRPD u l-Kumitat tagħha.

43. Isaħħu l-kooperazzjoni dwar il-ġbir regolari ta' data diżaggregata skont is-sess, l-età u d-diżabilità fejn possibbli, ikkoordinati mill-EUROSTAT, biex b'hekk jikkontribwixxu wkoll għal monitoraġġ imtejjeb inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. L-Eurostat huwa mistieden jiżviluppa u jiddiskuti proposta dettaljata mal-Istati Membri.
44. Jespandu l-ġbir tad-data dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità, fejn rilevanti u fattibbli, inkluż dawk li jgħixu f'istituzzjonijiet, f'oqsma bħall-aċċessibilità, is-saħħa u l-kura tas-saħħa, l-impjiegi, it-taħriġ, il-ħiliet, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, il-faqar u l-inklużjoni soċjali, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-użu ta' teknoloġiji ġodda.
45. Jiżguraw sinerġiji bejn l-Istrateġija, l-istrateġiji, il-pjanijiet jew il-linji ta' politika nazzjonali u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2017-2023.
46. Jappoġġaw attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari fir-rigward ta' strateġiji nazzjonali dwar id-diżabilità u linji ta' politika u prattiki nazzjonali, reġjonali u lokali dwar id-diżabilità f'oqsma differenti.
47. Jikkonsultaw b'mod attiv u regolari u jfittxu kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw persuni b'diżabilità jew li jaħdmu magħhom.
48. Jappoġġaw ir-rwol tal-Korpi tal-Ugwaljanza, fejn xieraq, u mekkaniżmi indipendenti fil-promozzjoni, il-protezzjoni u l-monitoraġġ tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.


JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX

49. Tiżgura l-allinjament tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 u l-inizjattivi ta' politika tal-UE għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.
50. Tiżgura sinerġiji bejn l-Istrateġija, u l-linji ta' politika u l-istrumenti għall-bini ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa, kif ukoll dawk li jirrigwardaw l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, iż-żgħażaġħ, it-tfal, it-tixjiħ u l-ugwaljanza.

51. Trawwem l-integrazzjoni tad-diżabilità u azzjoni kkoordinata fil-Kummissjoni kollha għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 tagħha, b'bidma mill-qrib mal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.
52. Timplimenta strateġiji ta' riżorsi umani għad-diversità u l-inklużjoni flimkien ma' politiki ta' aċċessibilità għall-bini, il-postijiet, il-komunikazzjoni u l-pubblikazzjonijiet, u b'hekk tkun ta' eżempju, għall-benefiċċju tat-tfassil tal-politika fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali u taqsam il-prattiki tajba tagħha ma' istituzzjonijiet Ewropej oħra.
53. Twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet abilitanti fil-kuntest tal-oqfsa tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-UNCPRD u l-aċċessibilità kif ukoll l-użu li jagħmlu mill-programmi finanzjarji u l-finanzjament tal-UE għall-inklużjoni ekonomika u soċjali tal-persuni b'diżabilità, bl-użu tal-indikatur tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD b'rabta mad-diżabilità għall-monitoraġġ immirat tal-assistenza tal-UE.
54. Tippetromwovi t-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' Prattika tajba bejn l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità, sabiex tissaħħaħ il-bażi tal-għarfien fir-rigward tal-aċċessibilità u oqsma oħra bħas-servizzi soċjali bbażati fil-komunità, l-għajxien indipendenti, id-destituzzjonalizzazzjoni u miżuri biex jissaħħu l-impjeggi u l-intraprenditorija tal-persuni b'diżabilità, inkluż miżuri fil-kuntest tas-servizzi tal-impjeggi.

**JISTIEDNU LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI (EMCO) U LILL-KUMITAT TAL-
PROTEZZJONI SOĊJALI (KPS) BIEX**

55. Jeżaminaw mill-ġdid it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tal-UE b'kont meħud tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bil-ħsieb ta' monitoraġġ aħjar - fost oħrajn - tas-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità inkluż fil-proċess tas-Semestru Ewropew.
56. Ikomplu jwettqu attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari fir-rigward tal-politiki soċjali u tal-impjiegi, filwaqt li jimplimentaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità f'dawn l-oqsma.



Referenzi

1. UE Interistituzzjonali

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_en.pdf

Summit Ewropew dwar l-Inklużjoni 2020: Dikjarazzjoni mir-Rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE tal-interessi tal-persuni b'diżabilità.

2. Leġislazzjoni tal-UE

Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi. (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70-115.)

Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75.)

3. Kunsill

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea (6795/21)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar It-titjib tal-impjieg ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol; (14646/19)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità. (ĠU C 192, 7.6.2019, p. 18-22)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri (13432/19)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar id-diżabilità 2010-2020 (11843/11)

4. Il-Kummissjoni Ewropea

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM (2010) 636 final): Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020.

Kummissjoni (SWD(2020) 291 final): Evalwazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM (2021) 101 final): Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030.

Data: UE-SILC (Statistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien) u UE-LFS (Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol); S. Grammenos/M. Priestley, 2020: Europe 2020 data & people with disabilities (Data ta' Ewropa 2020 u persuni b'diżabilità); Ewrobarometru Speċjali 493, Id-diskriminazzjoni fl-UE, Mejju 2019.

Komunikazzjoni dwar Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti. (COM(2020) 14 final.)

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (6649/21 + ADD 1 + ADD 2)

5. Parlament Ewropew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità wara l-2020 (2019/2975(RSP))

6. Nazzjonijiet Uniti

Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Riżorsi tan-NU dwar Persuni b'Diżabilità u l-COVID-19.

Nazzjonijiet Uniti - Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli